# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta’ nhar l-Erbgħa, 31 ta’ Mejju, 2023.**

**Numru 65**

**Rikors kostituzzjonali numru 340/2021/1 FDP**

**Karin Spiteri Maempel u Rhona Samut-Tagliaferro**

***v.***

**Avukat tal-Istat; Maria Teresa *sive* Marthese Alazumi**

1. Dan huwa appell tal-Avukat tal-Istat minn sentenza mogħtija fit-28 ta’ Settembru 2022 mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fis-*sede* kostituzzjonali li sabet li nkisru d-drittijiet fondamentali tal-atturi mħarsa bl-art. 37 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta [“il-Kostituzzjoni”] u bl-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [“l-Ewwel Protokoll”] u bħala kumpens ordnat lill-Avukat tal-Istat sabiex iħallashom wieħed u ħamsin elf u erbgħa u tmenin euro (€51,084). L-appell jolqot is-sejbien ta’ ksur minħabba l-applikazzjoni

tal-art. 12A tal-Ordinanza li tneħħi l-Kontroll tad-Djar [“Kap. 158”] għaċ-ċirkostanzi tal-każ tallum; is-sejbien ta’ ksur wara d-dħul fis-seħħ tal-art. 12B tal-kap. 158; u l-*quantum* ta’ kumpens likwidat mill-ewwel qorti.

2. Il-fatti relevanti ġew imfissra hekk minn l-ewwel qorti:

> »15. Jirriżulta … li l-intimata Maria Teresa sive Marthese Alazumi għalkemm notifikata hija kontumaċi.
>
> »16. Jirriżulta li l-avukat difensur tar-rikorrenti ikkjarifika fil-5 ta’ Lulju 2021 li l-azzjoni odjerna hija sabiex jiġu kkontestati l-artikolu 12, 12A u 12B tal-Kap. 158, kif ukoll l-artikolu 1531C tal-Kap. 16, u l-artikolu 10 [*recte*, l-Att X] tal-2009.
>
> »17. Jirriżulta, li r-rikorrenti huma proprjetarji tal-fond … Birkirkara, liema fond, oriġinarjament, kien jappartjeni lill-mejta ġenituri tar-rikorrenti … li mietu rispettivament fit-13 ta’ Awissu 2014 u 12 ta’ Awissu 2014.
>
> »18. Jirriżulta li l-fond in kwistjoni mhuwiex fond dekontrollat … … …
>
> »19. Jirriżulta li l-fond mertu ta’ dan il-każ iddevolva fuq ir-rikorrenti permezz ta’ testment datat 17 ta’ Jannar 2012 … Jirriżulta li sussegwentement, tħallset it-taxxa tas-suċċessjoni, kif jidher mid-dikjarazzjoni *causa mortis* tal-11 ta’ Awissu 2015, fl-atti tan-Nutar Jessica Said, … … …
>
> »20. Jirriżulta wkoll li b’kuntratt ta’ diviżjoni datat 8 ta’ April 2021, ir-rikorrenti akkwistaw dan il-fond u ġie assenjat lir-rikorrenti … … …
>
> »21. Jirriżulta li l-fond in kwistjoni kien mogħti b’konċessjoni enfitewtika temporanja tas-26 ta’ Settembru 1961 għal għoxrin sena dekoribbli mill-1 ta’ Novembru 1961 … Għalhekk, jirriżulta li ċ-ċens annwu u temporanju skada fil-31 ta’ Ottubru 1981. Iżda peress li l-enfitewta kienu Maltin u ordinarjament residenti fl-imsemmi fond, kellhom id-dritt jibqgħu jirrisjedu fil-fond b’titolu ta’ kera.
>
> »22. jirriżulta li oriġinarjament il-fond in kwistjoni kien ingħata b’konċessjoni enfitewtika lil Emanuele Zammit u llum bintu, l-intimata Maria Teresa *sive* Marthese Alazumi, baqgħet tokkupa l-imsemmi fond bil-kera ta’ €46.25 fis-sena, li kellha togħla għal €185 fis-sena permezz tal-Att X tal-2009. Jirriżulta wkoll … li r-rikorrenti mis-sena 2011 sal-lum, qatt ma rċevew kera.
>
> »23. Jirriżulta li ġie ppreżentat ir-rapport tal-perit nominat mill-qorti, Elena Borg Costanzi, li fir-relazzjoni tagħha stmat il-fond … bil-valur tas-suq liberu fl-ammont ta’ Eero 200,000, u l-valur lokatizju fl-2021 huwa ta’ Eero 4,800 fis-sena.
>
> »24. Il-Perit Elena Borg Costanzi ikkonstatat ukoll il-valur lokatizju tal-fond mis-sena 1981 sas-sena 2021.
>
> »• Il-valur lokatizju fl-1981 sas-sena 1986 kien ta’ Euro 350 fis-sena
>
> »• Il-valur lokatizju fl-1987 sas-sena 1992 kien ta’ Euro 440 fis-sena
>
> »• Il-valur lokatizju fl-1993 sas-sena 1998 kien ta’ Euro 585 fis-sena
>
> »• Il-valur lokatizju fl-1999 sas-sena 2004 kien ta’ Euro 990 fis-sena
>
> »• Il-valur lokatizju fl-2005 sas-sena 2010 kien ta’ Euro 1,710 fis-sena
>
> »• Il-valur lokatizju fl-2011 sas-sena 2016 kien ta’ Euro 3,420 fis-sena
>
> »• Il-valur lokatizju fl-2017 sas-sena 2021 kien ta’ Euro 4,800 fis-sena«

3. Billi dehrilhom illi l-kera li qegħdin jirċievu hu baxx wisq meta mqabbel mal-kera fis-suq, u għalhekk bi ksur tad-dritt tagħhom għat-tgawdija ta' ħwejjiġhom, l-atturi fetħu din il-kawża u talbu illi l-qorti:

> »1) tiddikjara … illi minħabba ċ-ċirkostanzi u fatti suesposti u dawk li ser jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, partikolarment bl-applikazzjoni tal-artikolu 12, 12A u 12B tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 1531Ċ tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Att X tat-2009, teżisti leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti fl-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li għadhom sa llum jinċidu fuq id-drittijiet patrimonjali, kostituzzjonali u konvenzjonali tar-rikorrenti;
>
> »2) konsegwentement tiddikjara u tiddeċiedi illi l-lokazzjoni tal-fond, … proprjetà tar-rikorrenti a favur tal-intimata Maria Teresa *sive* Marthese Alazumi tilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti fl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u b'hekk tordna lill-intimata sabiex fi żmien qasir u perentorju tittermina il-lokazzjoni relattiva, *oltre* rimedji oħra li din il-qorti jidhrulha xierqa;
>
> »3) tiddikjara … illi l-intimati jew min minnhom huma responsabbli għal kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-okkup-azzjoni in kwistjoni li ma kkreatx bilanċ ġust bejn id-drittijiet tas-sidien rikorrenti u dawk ta' l-inkwilini, *stante* illi l-kera pagabbli lir-rikorrenti ma tirriflettix is-suq u lanqas il-valur lokatizju tal-proprjetà in kwistjoni;
>
> »4) tillikwida l-istess kumpens u danni kif sofferti mir-rikorrenti, *ai termini* tal-liġi;
>
> »v) tikkundanna lill-intimati jew min minnhom iħallsu l-istess kumpens u danni hekk likwidati ai termini tal-liġi, bl-imgħax legali sad-data tal-effettiv pagament.
>
> »Bl-ispejjeż, … … …«

4. Safejn relevanti għal dan l-appell, l-Avukat tal-Istat ressaq dawn l-eċċezz-jonijiet:

> »1. ...
>
> »2. preliminarjament …, ir-rikorrenti għandhom jindikaw b'mod ċar liema artikoli mill-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta u, jekk ikun il-każ, minn xi liġi oħra illi skonthom l-operat tagħhom qed jagħti lok għal vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom. L-esponent jissotto-lineja illi r-rikorrenti għandhom jindikaw b'mod ċar jekk il-konverżjoni għal kirja saritx bis-saħħa tal-artikolu 12 jew tal-artikolu 12A. L-espo-nent għalhekk jirriżerva minn issa d-dritt tiegħu illi jressaq eċċezzjoni-jiet ulterjuri, jekk jinħass il-bżonn, ġaladarba r-rikorrenti jiċċaraw liema 3rtikolu huwa infatti applikabbli.
>
> »3. … … …

»9. subordinatament u mingħajr ħsara għas-suespost dwar l-ilment marbut man-nuqqas ta' bilanċ bejn id-drittijiet tas-sid u l-interess pubbliku, jissokta jingħad li bil-miġja tal-artikolu 39(4A) tal-Att X tal-2009, il-valur tal-kera ma baqgħetx togħla biss kull ħmistax-il sena skont l-artikolu 12(2) tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda kull tliet snin skont l-artikolu 1531Ċ tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

»10. Magħdud ma' dan, bil-miġja tal-artikolu 12B, sidien bħar-rikorrent ingħataw id-dritt illi jipproċedu quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera bi proċeduri maħsuba sabiex inkwilini li ma ħaqqhomx protezzjoni jiġu żgumbrati jew li tiżdied il-kera sa massimu ta' 2% tal-valur tal-proprjetà fis-suq ħieles f'każ illi ħaqqhom tali protezzjoni. Ċertament, tali rimedju jinnewtralizza kwalunkwe piż eċċessiv illi r-rikorrenti jħossu illi qed iġorru, u dan ġie kkonfermat ukoll f'sentenzi riċenti tal-Qorti Kostituzzjonali, u għalhekk ma jistax jingħad li l-artikolu 12B huwa leżiv tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem;

»11. F'kull każ l-esponent sinċerament ma jħossx li l-kera li qiegħda titħallas fil-preżent hija xi kera daqstant sproporzjonata. Hawnhekk wieħed ma jridx jinsa li meta jkun hemm preżenti għanijiet leġittimi meħuda fl-interess pubbliku, bħalma hawn f'dan il-każ, il-kumpens dovut lis-sidien minħabba l-indħil fit-tgawdija ta' ġidhom jiġbed lejh ammont li jkun ferm inqas mill-valur sħiħ tas-suq, u dan ukoll huwa konformi mal-ġurisprudenza tal-qorti ta' Strasburgu. *Nonostante* dan, permezz tal-artikolu 12B, ir-rikorrenti għandhom kull dritt jipproċedu quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera sabiex jitolbu awment fil-kera, sa massimu ta' 2% tal-valur tal-proprjetà fis-suq ħieles. L-artikolu 12B ġie introdott fil-liġi nostrana mis-sena 2018, u jekk ir-rikorrenti għoġobhom ma jagħmlux użu mid-dritt li tagħtihom il-liġi f'dawn ċ-aħħar tliet snin, dan huwa nuqqas tagħhom li ma jistax jiġi attribwit lill-istat;

»12. Magħdud ma' dan, meta wieħed jiġi biex ikejjel il-miżien tal-proporzjonalità wieħed irid iqis ukoll li l-protezzjoni tal-kera taħt il-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta mhijiex perpetwa iżda tispiċċa mal-inkwilin u kif ukoll li t-tiswijiet kollha li jolqtu l-post imissu biss lill-inkwilin u mhux lis-sid.

»13. Għalhekk meta wieħed jiżen dan kollu, il-konklużjoni hija li anke dan il-parti tal-ilment tar-rikorrent dwar in-nuqqas ta' proporzjonalità mhuwiex ġustifikat għaliex ma hemm l-ebda ksur tal-liġi u b'hekk kull talba għal rimedju jew kumpens mhix mistħoqqa.

»... … …

5. L-intimata Alazumi ma weġbitx.

6. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

»tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-Avukat tal-Istat … … …

»tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi fil-konfront tar-rikorrenti, bil-fatti esposti, u bl-operazzjonijiet tal-artikolu 12 , 12A u 12B tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 1531C tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Att X tal-2009 qegħdin jinċidu fuq id-drittijiet patrimonjali, kostituzzjonali u konvenzjonali tar-rikorrenti, b'hekk teżisti leżjoni tad-drittijiet

fundamentali kif sanċiti fl-ewwel artikolu tal-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropea u fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

»tilqa' limitatament it-tieni talba tar-rikorrenti u tiddikjara li qed jiġu ivvjolati d-drittijiet tar-rikorrent għat-tgawdija tal-proprjetà tal-fond … bi vjolazzjoni tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta);

»... … …

»tilqa' t-tielet talba u tordna li l-Avukat tal-Istat huwa responsabbli għall-kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-okkupazzjoni in kwistjoni li ma kkreatx bilanċ ġust bejn id-drittijiet tas-sidien u dak tal-inkwilin *stante* illi l-kera ma tirriflettix is-suq u lanqas il-valur lokatizju tal-proprjetà in kwistjoni *ai termini* tal-liġi;

»tilqa' r-raba' talba u tillikwida l-istess kumpens għal danni pekunjarji u non-pekunarji sofferti mir-rikorrenti fl-ammont ta' wieħed u tletin elf u erbgħa u tmenin Euro (€ 31,084) bħala danni pekunarji u għoxrin elf Euro (€20,000) bħala danni non-pekunarji, li flimkien jagħmlu total ta' wieħed u ħamsin elf, u erbgħa u tmenin Euro (€51,084);

»tilqa' l-ħames talba u tikkundanna lill-Avukat tal-Istat iħallas l-ammont ta' wieħed u tletin elf u erbgħa u tmenin Euro (€ 31,084) bħala danni pekunarji u għoxrin elf Euro (€20,000) bħala danni non-pekunarji, li flimkien jagħmlu total ta' wieħed u ħamsin elf, u erbgħa u tmenin Euro (€51,084) *ai termini* tal-liġi.

»Imgħax jiddekorri mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

»*In vista* tal-kontumaċja tagħha, l-ispejjeż għall-proċeduri odjerni għandhom ikunu kollha wkoll a kariku tal-intimata Maria Teresa *sive* Marthese Alazumi.«

7. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha safejn rilevanti għall-appell tal-Avukat tal-Istat ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»36. Il-mertu prinċipali tal-każ odjern huwa dwar jekk, bl-operazzjoni tal-artikolu 12, u 12A u 12B tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 1531C tal-Kap. 16 kif emendat bl-Att X tal-2009 u bl-operazzjonijiet tal-liġijiet viġenti, hemmx leżjoni abbażi tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, wara li l-enfitewsi temporanja tal-fond in kwistjoni ġiet konvertita f'kera li tibqa' tiġġedded awtomatikament kull sena a tenur tal-Att XXIII tal-1979 u bl-operazzjoni tal-liġijiet viġenti, fejn l-inkwilin Maria Teresa *sive* Marthese Alazumi kompliet tkun rikonoxxuta bħala inkwilina u kompliet tħallas il-kera matul is-snin.

»37. Il-qorti ser tgħaddi biex tikkunsidra dan il-każ, fl-ottika tad-difiżi mqajma mill-intimat l-Avukat tal-Istat.

»38. Fir-risposta u fis-sottomissjonijiet, l-Avukat tal-Istat sostna li m'hemmx leżjoni tad-drittijiet fundamentali ta' proprjetà *ai termini* tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni għaliex l-istat ma kiseb jew ħa l-ebda pussess ta' ġid li huwa tar-rikorrenti, iżda implimenta biss miżuri li jikkontrollaw l-użu tal-proprjetà b'mod li d-drittijiet u l-jeddijiet tas-sid għadhom ma ntilfux. Ġie sottomess li l-artikolu 37 jitkellem dwar teħid ta' pussess furzat, filwaqt li f'dan il-każ il-proprjetà baqgħet għand is-sid, u r-rikorrenti qed jirċievu l-kera. B'hekk l-Avukat tal-Istat qed jikkontendi li m'hemm l-ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem la taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u lanqas taħt l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea.

»39. Fl-eċċezzjonijiet u fis-sottomissjonijiet tiegħu, l-Avukat tal-Istat jissottolinea wkoll li l-artikolu 12 tal-Kap. 158 ma jagħmilhiex impossibbli li s-sid jerġa' jieħu l-fond, *stante* li ċ-ċirkostanzi li fihom wieħed jista' jirriprendi l-fond twessgħu bid-diversi emendi li saru fl-istitut tal-kera, fejn, jekk jiġi ppreżentat każ quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera, l-inkwilini jkunu jistgħu jiġu ordnati jitilqu mill-fond f'terminu ta' żmien kif jiġi stipulat mill-Bord li Jirregola l-Kera. *Inoltre*, ġie sostnut ukoll mill-Avukat tal-Istat li fil-każ in eżami, fejn ir-rikorrenti kellhom jipproċedu quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera għall-awment tal-kera, peress li kif premess l-inkwilina irrifjutat li tħallas il-kera skont kif kellha tiġi awmentata.

»40. Għalhekk ġie eċċepit mill-Avukat tal-Istat li r-rikorrenti ma jistgħux jitolbu li sofrew ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom mingħajr ma jieħdu in konsiderazzjoni r-reġim legali kollu fit-totalità tiegħu skont il-liġi; kwindi dak li qed jilmentaw minnu r-rikorrenti jrid jiġi eżaminat fil-kuntest tal-emendi li saru fl-2018. B'hekk l-argument tal-Avukat tal-Istat huwa li, permezz tal-emendi introdotti, intlaħaq bilanċ li qed itejjeb is-sitwazzjoni ta' dawn il-kirjiet u fil-verità qed jagħti l-opportunità li togħla l-kera għal ammont raġonevoli għaż-żmenijiet tallum u li jagħtu fakultà li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera, inkluż dak li jirrigwarda l-iżgumbrament tal-inkwilin. Fil-fatt, ġie sostnut, li l-emendi tal-Att XXVIII tal-2018 jagħtu anke garanzija li l-fond jista' jerġa' lura għand is-sid, jekk l-inkwilin ma jissodisfax it-test tal-mezzi.

»41. L-Avukat tal-Istat kompla jsostni li f'dan il-każ ma sarx żvestiment tal-proprjetà għaliex l-artikolu 12 tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta ma jimponi l-ebda teħid obbligatorju ta' proprjetà iżda użu ta' proprjetà fil-parametri tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea, għaliex dan sar fl-interess ġenerali. *Inoltre,* ġie sottomess fis-sottomissjonijiet tal-Avukat tal-Istat li jrid jiġi mistħarreġ jekk is-sid oriġinali tal-fond tneħħilux kull drittijiet li għandu fuq dik il-proprjetà għaliex jirriżulta li permezz tal-iżviluppi fl-emendi reċenti d-drittijiet *in rem* [*recte*, *in re*] tas-sidien ma ġewx mittiefsa, anzi kien hemm rilassament tal-liġijiet favur is-sidien.

»42. Ikkunsidrat tali argumentazzjoni, il-qorti tibda billi tosserva li, skont l-artikolu 12B tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex jitneħħa d-dritt awtomatiku tal-inkwilin li jkompli jirrisjedi fil-fond huwa neċessarju li l-inkwilin ma jissodisfax it-test tal-mezzi stabbilit fir-regolamenti. F'każ illi dana ma huwiex il-każ, abbażi tal-Kriterji ta' Test tal-Mezzi, il-Bord li Jirregola l-Kera jista' jgħolli l-kera sa massimu ta' 2% tal-valur lokatizju.

»… … …

»44. L-argument tar-rikorrenti jikkonċerna l-fatt li huma, u l-*aventi causa* [*recte*,l-awturi] tagħhom, ma setgħux jivvantaw titolu rigward il-fond mertu tal-każ wara l-iskadenza tal-enfitewsi temporanja fil-31 ta' Ottubru 1981. *Inoltre*, ġie sottomess mir-rikorrenti li l-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta ipprivaw lir-rikorrenti mill-proprjetà tagħhom, b'mod li baqgħu mhux biss privati mill-proprjetà tagħhom, iżda baqgħu jirċievu kera anqas mill-valur lokatizju fis-suq.

»45. B'referenza għall-argument tal-Avukat tal-Istat li l-istat għandu diskrezzjoni wiesgħa sabiex jirregola sitwazzjonijiet ta' natura soċjali għall-ġid komuni, il-qorti tosserva li n-nuqqas ta' tgawdija u l-kontroll fl-użu tal-proprjetà huwa ċertament immirat sabiex l-istat jilleġiżla [*sic*] fil-kuntest ta' miżuri soċjali fil-qasam tad-djar iżda dana ma jawtorizzax lill-istat sabiex jilledi d-dritt tas-sidien tal-proprjetà.

»46. Il-qorti tirrileva wkoll li ma jistax jingħad li, ladarba ma kienx hemm teħid forzuż, m'hemmx leżjoni għad-drittijiet fundamentali *ai termini* tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Il-qorti, fiċ-ċirkostanzi, trid tqis u tevalwa r-riżultanzi fattwali kollha, u trid tieħu konjizzjoni tan-nuqqas tat-tgawdija tal-proprjetà, u kif ukoll tal-kera irriżorja li s-sidien kienu qed jipperċepixxu matul is-snin.

»47. Fil-fatt, ir-rikorrenti ma qablu xejn ma' dak eċċepit mill-Avukat tal-Istat u jikkontendu illi sofrew leżjoni tad-drittijiet tagħhom billi ġew spussessati mid-dritt ta' użu ta' proprjetà; wara li skada t-terminu tal-enfitewsi temporanja ġew assoġġettati għal relazzjoni forzata ta' sid u inkwilin, b'mod li ntilef il-bilanċ bejn l-interessi tal-inkwilin u tas-sid. Konsegwentement, ġie sostnut fis-sottomossjonijiet tar-rikorrenti li qed isofri piż indebitu meta kienu qed jirċievu kera ta' €46.25 fis-sena, liema kera kellha togħla permezz tal-Att X tal-2009, iżda r-rikorrenti sostnew u ppremettew li l-inkwilin irrifjutat li tħallas il-kera kif kellha togħla. Dan, fid-dawl li l-perit tekniku stmat il-valur lokatizju fl-2021 fl-ammont ta' Euro 4,800 fis-sena. Konsegwentement, ir-rikorrenti qed jitolbu kumpens minħabba t-telf fil-kontroll, użu u tgawdija tal-proprjeta` tagħhom.

»… … …

»52. Kif tajjeb ribadit fil-każ reċenti deċiż mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet <u>Patricia Curmi *et v.* Miriam Pace *et*</u>, fis-6 ta' Ottubru 2020, ingħad li l-emendi introdotti bl-Att X tal-2009 dwar l-awment tal-kera fir-rigward ta' dar ta' abitazzjoni ma jistgħu jkunu ta' ebda konfort għas-sidien meta tikkonsidra li l-kera fis-sena ma tammontax għal aktar minn Euro 215 fis-sena, b'mod li għadu 'l bogħod milli jintlaħaq bilanċ xieraq bejn l-għan leġittimu tal-interess ġenerali u d-dritt ta' tgawdija tal-proprjetarju ta' ħwejġu.

»… … …

»56. Fil-każ in eżami jirriżulta li l-fond in kwistjoni kien ingħata b'kon-ċessjoni enfitewtika fis-sena 1961 għal għoxrin sena, liema konċess-joni enfitewtika skadiet fil-31 ta' Ottubru 1981 iżda, minħabba dispos-izzjoni legali introdotti wara li kien ġà ġie konċess il-fond, is-subċens ġie kkonvertit f'kera u l-inkwilina Maria Teresa Alazumi baqgħet tirrisjedi fl-imsemmi fond wara l-ante kawża tagħha, missierha Emmanuele Zammit, li kien ingħata oriġinarjament il-konċessjoni enfitewtika, peress li hija baqgħet tiġi rikonoxxuta bħala inkwilina a tenur tal-liġijiet viġenti.

»57. F'dan l-kuntest, il-Qorti tqis relevanti dak li ngħad fil-każ Cassar *v.* Malta (950570/13) deċiża fit-30 ta' Jannar 2018, fejn intqal li l-piż baqa' jinġarr mis-sidien, meta l-iskop tal-għan soċjali matul is-snin kien tnaqqas, … … …

»… … …

»58. *In vista* tas-suespost, din il-qorti tqis li l-emendi legali matul is-snin, inkluż l-Att X tal-2009, ħalqu sproporzjon bejn id-drittijiet tas-sid u l-interess soċjali. Għalhekk, din il-qorti ma għandha ebda dubju li fil-każ odjern id-deprivazzjoni u nuqqas ta' tgawdija ta' proprjetà tar-rikorrenti twassal għal vjolazzjoni tad-drittijiet tagħhom. Referibbilment għall-argumenti imressqa mill-Avukat tal-Istat, fl-eċċezzjonijiet u fis-sottomissjonijiet anke *in vista* tal-artikolu 12A u 12B tal-Kap. 158, speċifikatament ukoll għall-Att XXVIII tal-2018 wara konsiderazzjoni tar-reġim legali kollu, skont il-liġi, din il-qorti xorta ssib li hemm leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, għax ma ntlaħaqx il-bilanċ meħtieġ bejn l-interessi tas-sid u tal-inkwilin.

»59. Il-qorti tqis illi hemm leżjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti kif sanċit kemm fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni.

»60. Għaldaqstant, id-difiża sollevata mill-intimat Avukat tal-Istat f'dan ir-rigward, ma tistax tiġi kkunsidrata favorevolment.

»Kumpens

»61. Il-qorti tosserva illi r-rikorrenti talbu lill-qorti sabiex tipprovdilhom rimedju xieraq u opportun sabiex id-dritt leż, kif fuq ġà indikat, jiġi rimedjat, u għalhekk il-qorti issa trid tgħaddi biex tikkunsidra r-rimedji xierqa u effettivi illi għandhom ir-rikorrenti talli nkisru d-drittijiet tagħhom.

»62. Fil-fatt, il-qorti ser tipprovdi għal danni, konsegwenza tal-fatt li nstab ksur tad-drittijiet tal-bniedem, a tenur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea.

»63. Jirriżulta illi, fit-talba tar-rikorrenti, intalab ħlas ta' kumpens u danni, li l-qorti tifhem li jfisser pretensjoni għad-danni pekunarji għall-okkupazzjoni, kif ukoll danni non-pekunarji għal leżjoni sofferta mir-rikorrenti.

»64. Ġaladarba instab li hemm ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti għat-tgawdija tal-fond in kwistjoni, il-qorti tqis illi tali talba għal danni, kemm pekunarji kif ukoll non-pekunarji, hija mistħoqqa li tiġi kkunsidrata.

»Danni pekunarji

»… … …

»66. Dwar kif għandu jinħadem il-kumpens din il-qorti ser issegwi l-likwidazzjoni tal-kumpens dovut f'dawn il-każijiet skont kif komputat mill-Qorti Kostituzzjonali, fejn f'dawn il-każijiet isegwi l-kriterji ta' komputazzjoni stabbilit fis-sentenza tal-Qorti Ewropea Cauchi *v.* Malta deċiża mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-25 ta' Marzu 2021. … … …

»… … …

»67. Abbażi ta' tali direzzjoni, għandu jsir tnaqqis ta' *circa* 30% mis-somma li kienet tkun perċepibbli mill-attur fuq is-suq liberu minħabba l-għan leġittimu tal-liġi impunjata, u tnaqqis ieħor ta' 20% fuq is-somma riżultanti sabiex jittieħdu kont tal-inċertezza li l-atturi kien irnexxielhom iżommu l-proprjetà mikrija tul iż-żmien relevanti kollu għall-prezzijiet indikati mill-perit tekniku. Minn tali somma għandha mbagħad tit-naqqas il-kera perċepita, jew il-kera li kienet perċepibbli skont il-liġi.

»68. Jirriżulta, mill-assjem tal-provi li s-subċens li kien ingħata rigward il-fond mertu tal-każ odjern kien ċens temporanju li skada fil-31 ta' Ottubru 1981. Iżda, sussegwentement, il-ġenituri tar-rikorrenti ma setgħux jivvantaw titolu, peress li bid-dħul fis-seħħ tal-artikolu 12, iċ-ċens ġie kkonvertit f'kera b'mod li l-liġi viġenti kompliet tipproteġi lill-inkwilin.

»69. Jirriżulta wkoll li r-rikorrenti akkwistaw it-titolu fuq il-fond b'kuntratt ta' diviżjoni tat-8 ta' April 2021, liema kuntratt ta' diviżjoni kien qed jassenja lir-rikorrenti il-proprjetà li ddevolviet fuqhom tramite l-wirt mingħand il-ġenituri tagħhom … li mietu it-tnejn li huma f'Awissu 2014.

»70. Għalhekk, il-qorti tqis, li kwalsiasi kumpens, li għandu jingħata lir-rikorrenti għandu jmur lura sas-sena 1981, sad-data tal-iskadenza tal-konċessjoni enfitewtika, dan peress li r-rikorrenti meta akkwistaw il-proprjetà akkwistaw b'wirt mingħand il-ġenituri tagħhom, b'hekk daħlu fiż-żarbun tal-antekawża tagħhom, li min-naħa tagħhom kienu preklużi illi jgawdu l-proprjetà tagħhom kif mistħoqq minħabba l-introduzzjoni tal-leġislazzjoni li qiegħda tiġi hawn ikkontestata.

»71. Għalhekk, il-kumpens ser jibda jiddekorri minn Ottubru 1981.

»72. Jirriżulta mir-rapport tal-perit tekniku tal-qorti u l-valuri minnha stabbiliti … illi bejn is-sena 1981 sas-sena 2021 kienu kif ġej:

»• il-valur lokatizju fl-1981 sas-sena 1986 kien ta' Euro 350 fis-sena

»• il-valur lokatizju fl-1987 sas-sena 1992 kien ta' Euro 440 fis-sena

»• il-valur lokatizju fl-1993 sas-sena 1998 kien ta' Euro 585 fis-sena

»• il-valur lokatizju fl-1999 sas-sena 2004 kien ta' Euro 990 fis-sena

»• il-valur lokatizju fl-2005 sas-sena 2010 kien ta' Euro 1,710 fis-sena

»• il-valur lokatizju fl-2011 sas-sena 2016 kien ta' Euro 3,420 fis-sena

»• il-valur lokatizju fl-2017 sas-sena 2021 kien ta' Euro 4,800 fis-sena

»73. Jirriżulta, għalhekk, illi, kkunsidrat li s-sena 1981 ma tiġix ikkun-sidrata fl-intjier tagħha, b'hekk il-kumpens jibda jgħodd minn Novem-bru tas-sena 1981, ossija għax-xahrejn tas-sena 1981, sal-preżentata ta' dan il-każ, meta ġiet imnieda l-proċedura odjerna, ossija f'Mejju 2021, ossija l-ewwel erba' xhur tas-sena 2021.

»74. Magħduda l-valutazzjonijiet tal-perit tekniku minn l-1 ta' Novem-bru 1981 sal-aħħar ta' April 2021:

»a) il-kumpens fl-interjietà tiegħu jammonta għal €57,983;

»b) minn tali ammont, għandha ssir it-tnaqqis ta' tletin fil-mija (30%) li jammonta għal € 17,395, li jħalli bilanċ ta' €40,588;

»ċ) minn tali ammont, għandha ssir it-tnaqqis ta' għoxrin fil-mija (20%) li jammonta għal € 8,117, li jħalli bilanċ ta' € 32,471;

»d) minn tali ammont, għandu jsir tnaqqis tal-kera miġbura mis-sena 1981 sal-2011, peress illi rriżulta li mis-sena 2011 ma tħallset ebda kera tal-fond (€46.25 fis-sena × 30 sena). Għalhekk mill-ammont ta' €32,471 titnaqqas il-kera riċevuta ta' €1,387, li jħalli bilanċ ta' €31,084.

»75. Jirriżulta illi, applikata r-regola fuq imsemmija, il-kumpens għandu jkun ta' wieħed u tletin elf, u erbgħa u tmenin Euro (€ 31,084).

»76. Il-qorti tosserva illi tali somma ċertament tinkorpora fiha l-element punittiv fuq min jonqos mid-drittijiet tiegħu, l-element eżemplari fejn jidher ċar u inekwivoku l-konsegwenza ta' tali nuqqas u finalment l-element effettiv fejn ir-rikorrenti jingħataw kumpens effettiv u mistħoqq.

»Danni non-pekunarji

»77. Din il-Qorti tagħmel referenza wkoll għall-każ Henry Deguara Caruana Gatto *v.* L-Avukat tal-Istat *et*, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-23 ta' Novembru 2020, fejn il-qorti qieset li d-danni pekunarji kellhom ikunu fl-ammont ta' €300,000 u rigward id-danni non-pekunarji ta' € 9,000 kif likwidati mill-ewwel qorti, li tissarraf fl-ammont ta' € 500 għal kull sena li l-appellant sofra ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu, hija ikkonsidrata illi ssegwi l-prassi tal-qrati Maltin u l-Qorti Ewropea fuq dan il-punt.

»78. Għaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, din il-Qorti ser tevalwa d-danni non-pekunarji fl-ammont ta' €500 għal kull sena li r-rikorrent sofra ksur tad-drittijiet fundamentali, fejn il-qorti ser tqis kull sena fl-interjietà tagħha. Tenut kont li l-kumpens beda jgħodd mill-1981 sad-data tal-preżentata tal-kawża f'Mejju 2021, għaddew erbgħin sena, u għalhekk il-kumpens għandu jkun ta' għoxrin elf Euro (€20,000).

»79. Għaldaqstant, il-qorti tqis illi l-kumpens li r-rikorrenti għandhom jingħataw għan-nuqqas fil-konfront tagħhom għandu jkun ekwivalenti għal wieħed u tletin elf u erbgħa u tmenin Euro (€ 31,084) bħala danni pekunarji u għoxrin elf Euro (€20,000) bħala danni non-pekunarji, li flimkien jagħmlu total ta' wieħed u ħamsin elf, u erbgħa u tmenin Euro (€51,084).

»Rimedju ulterjuri

»80. … … … il-qorti ser tastjeni milli tipprovdi għall-iżgumbrament *o meno* tal-inkwilina, peress illi tqis illi għandu jingħata l-opportunità lill-inkwilina li tipprevali mill-konsiderazzjoni u konstatazzjonijiet tal-Bord li Jirregola l-Kera.

»81. Madanakollu, din il-qorti ser tipprovdi li, fl-eventwalità li l-inkwilina Maria Teresa *sive* Marthese Alazumi tmut, sakemm "wild naturali jew legali" tagħha, kif imsejħa fil-Kodiċi Ċivili, indikati wkoll bħala "membri tal-familja tal-kerrej" fil-Kap. 69 ikunu qed igħixu magħha, tali persuni m'għandhomx ikollhom id-dritt li jibqgħu jabitaw fil-fond bħala kerrejja kif stipulat fil-Kodiċi Ċivili.

»82. *In vista* tal-fatt illi dina l-qorti qiegħda tiddikjara li tali protezzjoni għandha titqies bħala leżiva għar-rikorrenti, huwa naturali li dina l-qorti tkun trid tagħti rimedju lir-rikorrenti sabiex jiġi assikurat li tali leżjoni ma tibqax isseħħ.

»83. Għalhekk, din il-qorti qed tordna li kwalunkwe wild naturali jew legali u membri tal-familja ta' Maria Teresa *sive* Marthese Alazumi ma jgawdux mill-protezzjoni mogħtija lilhom fil-Kodiċi Ċivili, u dan ikun

> mingħajr preġudizzju għall-applikabilità tal-emendi introdotti fil-liġi permezz tal-Att XXIV tal-2021.«

8. L-Avukat tal-Istat appella b'rikors tat-18 ta' Ottubru 2022 li għalih wieġbu l-atturi fit-22 ta' Diċembru 2022; il-konvenuta Alazumi ma weġbitx.

9. L-ewwel aggravju jolqot is-sejbien ta' ksur tad-drittijiet fondamentali tal-atturi bl-applikazzjoni tal-art. 12A tal-Kap. 158 għaċ-ċirkostanzi tal-każ tallum, u ġie mfisser hekk:

> »L-Ewwel Aggravju – L-ewwel qorti ma kellha qatt tiddikjara ksur tal-artikolu 12A fil-konfront tar-rikorrenti, *stante* illi ma għandhomx interess ġuridiku jilmentaw mill-operat tiegħu
>
> »L-ewwel aggravju tal-esponent huwa fis-sens illi, għalkemm ir-rikorrenti jilmentaw dwar ksur tal-artikolu 12A tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta, huma ma wrewx kif tali artikolu japplika għalihom. Għaldaqstant, huma … ma għandhom ebda interess ġuridiku illi jilmentaw mill-operat tal-istess artikolu u b'hekk l-ewwel qorti kienet żbaljata meta sabet ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom minħabba l-operat tal-istess artikolu.
>
> »Fis-sentenza tagħha l-ewwel qorti sfortunatament ma tgħid xejn dwar din l-eċċezzjoni issollevata mill-esponent. Fl-ebda parti mis-sentenza tagħha ma tisħarreġ din l-istess eċċezzjoni, għajr illi tgħid illi r-rikorrenti qed jilmentaw mill-artikolu 12, 12A u 12B u li qed issib ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti minħabba l-istess artikoli.
>
> »L-esponent eċċepixxa illi dawn l-artikoli 12 u 12A ma japplikawx fl-istess waqt. Hija l-fehma konsiderata tal-esponent illi l-konverżjoni minn konċessjoni emfitewtika temporanja għal kirja trid, tabilfors, tkun regolata jew mill-artikolu 12 jew inkella mill-artikolu 12A, u mhux mit-tnejn li huma kontemporanjament.
>
> »Mill-fatti tal-kawża jidher li l-kirja in kwistjoni hija regolata mill-artikolu 12, u mhux mill-artikolu 12A, u għaldaqstant, ir-rikorrenti ma għand-homx interess ġuridiku illi jilmentaw mill-artikolu 12A.
>
> »Għalhekk, l-esponent huwa tal-fehma illi l-ewwel qorti kienet żbaljata meta sabet ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti minħabba l-operat tal-artikolu 12A, u kellha minflok tiddikjara illi r-rikorrenti ma għandhom ebda interess ġuridiku jilmentaw dwar l-istess artikolu, bil-konsegwenza illi l-ewwel talba tagħhom f'dan ir-rigward tiġi limitament miċħuda.«

10. L-atturi jaqblu illi huwa minnu illi l-art. 12A tal-Kap. 158 ma japplikax għall-każ, li huwa regolat bl-art. 12 u 12B.

11. L-art. 12A tal-Kap. 158 japplika biss jekk l-enfitewsi jew sub-enfitewsi temporanja "ma tkunx waħda li l-effetti tat-tmiem tagħha jkunu regolati bl-artikolu [*inter alia*] 12(2)(*a*) ... … …".

12. Fil-każ tallum l-enfitewsi kienet ta' dar ta' abitazzjoni u ngħatat b'kuntratt li sar qabel il-21 ta' Ġunju 1979 għal żmien ta' mhux iżjed minn tletin sena, u fi tmiemha d-dar kienet okkupata minn ċittadin ta' Malta; għalhekk l-effetti tat-tmiem tagħha huma regolati bl-art. 12(2)(*a*) tal-Kap. 158, u ma tintlaqatx bl-art. 12A.

13. L-aggravju għalhekk huwa tajjeb u sejjer jintlaqa'.

14. It-tieni aggravju jolqot is-sejbien ta' ksur tad-drittijiet tal-atturi mill-1 t'Awissu 2018 'il quddiem, wara li daħal fis-seħħ l-art. 12B, u ġie mfisser hekk:

> »It-Tieni Aggravju – L-ewwel qorti ma kellhiex issib ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea mill-1 ta' Awwissu 2018 'il quddiem, *stante* d-dħul fis-seħħ tal-artikolu 12B
>
> »It-tieni aggravju tal-esponent huwa fir-rigward ta' dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel qorti sabet ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea anki wara d-dħul fis-seħħ tal-artikolu 12B tal-Kap. 158 fis-sena 2018.
>
> »L-ewwel qorti ftit li xejn ikkunsidrat l-argumenti tal-esponent illi l-artikolu 12B jagħti lir-rikorrenti rimedju għall-futur sabiex huma jkunu jistgħu jawmentaw il-kera. Hi qalet hekk: "
>
>> »"Referibbilment għall-argumenti mressqa mill-Avukat tal-Istat, fl-eċċezzjonijiet u fis-sottomissjonijiet anke in vista tal-artikolu 12A u 12B tal-Kap. 158, speċifikatament ukoll għall-Att XXVIII tal-2018 wara konsiderazzjoni tar-reġim legali kollu, skont il-liġi, din il-qorti xorta ssib li hemm leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, għax ma ntlaħaqx il-bilanċ meħtieġ bejn l-interessi tas-sid u tal-inkwilin."
>
> »Fi kliem ieħor, kienet il-fehma tal-ewwel qorti illi anki l-artikolu 12B huwa leżiv tad-drittijiet tar-rikorrenti, u dan minkejja l-każistika kopjuża tal-qrati tagħna f'dan ir-rigward, liema każistika l-esponent ser jirreferi għaliha aktar 'l isfel.

»… … … huwa ferm inkonċepibbli għall-esponent kif l-ewwel qorti setgħet issib li l-artikolu 12B tal-Kapitolu 158 huwa leżiv tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti mingħajr ma tagħti spjegazzjoni dettaljata tal-ħsibijiet tagħha u minkejja l-fatt illi r-rikorrenti lanqas għamlu użu minn dan ir-rimedju.

»Fl-umli fehma tal-esponent, l-ewwel qorti kellha tqis iċ-ċirkostanzi kollha li jolqtu dan il-każ illum il-ġurnata. Bħala stat ta' fatt, fil-preżent, l-emendi l-ġodda li introduċew l-artikolu 12B irenduha possibbli lill-appellati li jirriprendu l-pussess tal-proprjetà tagħhom u dan għall-kuntrarju ta' dak li ddeċidiet l-ewwel qorti. Qiegħed jiġi spjegat li l-istat ma baqax passiv; anzi huwa għamel l-almu tiegħu sabiex isib soluzzjoni u jasal għal dak il-bilanċ tant neċessarju bejn l-interessi tas-sid u dawk tal-inkwilini.

»Fil-fatt, saret riforma fil-liġijiet tal-kera bl-introduzzjoni tal-Att XXVII tal-2018, liema riforma ġabet aktar rilassament ta' tali liġijiet favur is-sid (fejn fil-fatt is-sid ġie mogħti ferm iktar drittijiet) iżda assigurat li l-interess ġenerali, u *cioè* l-protezzjoni tal-inkwilini fil-bżonn milli jiġu mkeċċija mid-dat ta' abitazzjoni tagħhom, xorta waħda jibqa' protett, u kwindi l-bilanċ bejn is-sid u l-interess ġenerali ġie milħuq aktar minn qatt qabel. Infatti, permezz tad-dħul fis-seħħ tal-Att XXVII tas-sena 2018, ġie introdott l-artikolu 12B fil-Kapitolu 158 li jagħti d-dritt lil sid ta' fond bħal dak in kwistjoni li jippreżenta rikors quddiem il-Bord li jirregola l-Kera fejn jitlob li l-kera tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix it-tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni fl-1 ta' Jannar tas-sena li matulha jiġi ppreżentat ir-rikors. L-istess sid jista' wkoll jitlob li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera.

»Dan l-artikolu jeżiġi wkoll li jekk l-inkwilini ma jissodisfawx it-test tal-mezzi li bil-fors irid jitwettaq mill-Bord tal-Kera, il-bord għandu, wara li jkun sema' kwalunkwe evidenza u sottomissjonijiet imressqa mill-partijiet, jagħti deċiżjoni li tippermetti lill-kerrej żmien ta' ħames snin sabiex jivvaka l-fond.

»Tajjeb li jingħad li jekk l-inkwilini jibqgħu fil-fond, din il-kera terġa' togħla wara sitt snin, sakemm ma jkunx intlaħaq ftehim ieħor bejn is-sidien u l-inkwilini;

»Ta' importanza kbira f'dawn l-emendi illi saru fl-2018, umbagħad imsaħħa fl-2021, hija l-bidla fid-definizzjoni ta' 'kerrej.' Permezz ta' dawn l-emendi, il-leġislatur irrestrinġa iktar minn qatt qabel id-definizzjoni ta' kerrej, biex b'hekk wieħed jista' jgħid illum illi din hija l-aħħar ġenerazzjoni illi ser tkun qed tibbenefika minn din il-protezzjoni. Fi kliem ieħor, ġaladarba l-inkwilin preżenti u r-raġel jew mara tiegħu / tagħha jgħaddu għal ħajja aħjar, il-fond ma jkunx aktar soġġett għall-protezzjoni mogħtija minn din il-liġi. Għalhekk, il-possibilità tar-ripreża tal-fond m'għadhiex possibilità remota; anzi saret ċertezza.

»Apparti minn hekk, il-liġi tipprevedi li, saħansitra jekk ikun hemm bdil fiċ-ċirkostanzi tal-inkwilini, sid il-kera għandu dritt jippreżenta rikors quddiem il-bord fejn jitlob li l-kundizzjonijiet tal-kirja jiġu riveduti minħabba l-piż sproporzjonat li qed jikkawżawlu.

»Ssid il-fond jista' anki jitlob li l-kirja tiġi xolta jekk juri li l-kerrej huwa persuna li ma teħtieġx protezzjoni soċjali provduta fl-artikoli 5, 12 jew 12A u 12B.

»Barra minn hekk, l-artikolu 12B jagħti fakultà li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera, inkluż dak li jirrigwarda l-iżgumbrament tal-inkwilin.

»L-artikolu 12B jirreferi wkoll għall-artikolu 1555A tal-Kodiċi Ċivili liema artikolu japplika meta l-fond ma jkunx qiegħed jintuża. Infatt, jekk fond mikri bħala residenza ma jkunx qed jiġi użat għal perjodu ta' aktar minn tnax-il xahar, dan jitqies bħala użu ħażin tal-fond mikri skont l-artikolu 1555 tal-Kapitolu 16.

»Hhuwa evidenti minn ġurisprudenza riċenti li l-qrati tagħna qegħdin jirrikonoxxu s-siwi tal-Att XXVII tal-2018. … … …

»… … …

»Fil-każ odjern … ir-rikorrenti komplew jgħarrqu l-posizzjoni tagħhom għaliex kellhom id-dritt li jitolbu lill-Bord li Jirregola l-Kera li l-ħlas tal-kera jogħla sa massimu ta' 2% tal-valur attwali tal-post bħala vojt fuq is-suq miftuħ iżda dan ma għamluħx. Bħal li spjegat din il-qorti fis-sentenza bl-ismijiet <u>Maria Pintley *v.* L-Avukat tal-Istat u Odette Sciberras</u> bħas-sitwazzjoni tal-każ odjern, l-istima tal-perit tekniku huwa waħda soġġettiva u mhemm l-ebda garanzija li l-fond kien ħa jinkera fis-suq ħieles jew kienx ħa jinkera għal dak il-valur. *Stante* li m'hemmx deċiżjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera, iktar u iktar ma jistax jinstab li l-artikolu 12B tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħed jikser id-drittijiet tas-sidien.

»Is-sentenzi hawn fuq imsemmija juru biċ-ċar li l-qrati tagħna għarfu sew li, permezz tal-artikolu 12B tal-Kapitolu 158, il-leġislatur irnexxielu jilħaq dak il-bilanċ bejn l-interessi tas-sidien u dawk tal-inkwilini, liema bilanċ kien tant meħtieġ għaż-żminijiet tal-lum. Barra minn hekk, fis-sena 2018, il-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta ma baqax jagħmilha impossibbli lis-sid li jieħu lura l-pussess ta' ġidu. Iżda sfortunatament, dan kollu ma ġiex ikkunsidrat mill-ewwel qorti u huwa għalhekk li l-esponent ħass il-ħtieġa li jilmenta minn dik il-parti tas-sentenza fejn l-esponent instab responsabbli għall-kumpens u danni pekunjarji sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-operazzjonijiet tal-artikolu 12B tal-Kaptiolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta.

»Għadaqstant, … l-ewwel qorti ma kellhiex issib leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, illum appellati, għall-perjodu wara l-introduzzjoni tal-Att XXVII tal-2018.«

15. L-atturi wieġbu hekk :

»Kemm l-artikolu 12, l-artikolu 12A u l-artikolu 12B tal-Kap. 158 jilledu d-drittijiet fundamentali tas-sidien kif ġie ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

»L-intimata Maria Theresa Alazumi baqgħet tgħix fil-fond in kwistjoni ma' missierha Emanuel Żammit sa mewtu biex b'hekk hija wirtet il-kirja li kellu missierha *ai termini* tal-Att XXIII ta' 1979.

»Il-konċessjoni enfitewtika temporanja li kellhu missierha skadiet fil-31 t'Ottubru 1981 u skattat kirja **ai termini** tal-liġi mill-1 ta' Novembru 1981 u l-kera għoliet għal €46.25 fis-sena.

»Mill-1 ta' Jannar 2010, il-kera saret €185 fis-sena u kellha tibqa' togħla kull tliet snin b'dan li llum il-fond għandu kera ta' €209.60.

»Skont ir-rapport tal-Perit Elena Borg Costanzi, fl-1981 il-kera kellha tkun €350 fis-sena waqt li fis-sena 2021 il-kera kellha tkun €4,800 fis-sena.

»Huwa ovju d-disparità bejn il-kera riċevuta *ex lege* u dak li suppost kellhom is-sidien jirċievu fis-suq kienet assolutament sproporzjonata.

»L-Att XXVII tal-2018 li għamel *capping* ta' 2% fuq il-kera li talvolta l-atturi appellati setgħu jirċievu fuq il-fond in kwistjoni meta l-*yield* ta' dan il-post għandu jvarja bejn 3.5% u 5% f'każijiet simili.

»Hawnhekk issir referenza għas-sentenza Cauchi *v.* Malta deċiża mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fil-25 ta' Marzu 2021 fejn *obiter* sabet illi l-artikolu 12B tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta ma kienx desinjat sabiex effettivament u bis-sens isolvi l-problema tal-interferenza disproporzjonali kif naxxenti mill-liġijiet tal-kera.

»Fis-sentenza fuq riferita l-qorti osservat li l-kera li kellu jħallas l-inkwilin kienet dipendenti fuq l-mezzi tal-inkwilin sa massimu ta' 2%, b'dan li l-prezz soċjali u finanzjarju huwa provdut mis-sid appellant minflokk mill-Awtorità tad-Djar u jew il-gvern, kif inhu obbligu tal-istat li jagħmel.

»Għalhekk l-obbligazzjonijiet tal-istat m'għandhom qatt jintefgħu fuq iċ-ċittadin, u, jekk dan jsir f'każijiet eċċezzjonali, iċ-ċittadin għandu jiġi kkumpensat mill-istat għall-piż li huwa qed jġorr minħabba l-protezzjoni pretiża, imma fil-każ in eżami, din il-protezzjoni qatt ma tista tiġi mogħtija lill-istess inkwilina.

»… … …

»Għalhekk id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 12B mhumiex adegwati sabiex jissalvagwardjaw id-drittijiet proprjetarji tar-rikorrenti appellati u għalhekk il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kienet korretta illi tiddikjara illi l-artikolu 12B jalledi d-drittijiet fundamentali tas-sidien. Hawn irid jingħad illi l-antekawża tas-sidien kien ikkonċeda l-proprjetà in kwistjoni lil missier l-intimata Alazumi *ossia* lil Emanuel Zammit u *oltre* li sabu lilhom affaċċjati bid-disposizzjonijiet b'Att XXIII ta' 1979, wara d-deċess tal-imsemmi Emanuel Xammit, għax l-intimata kienet tgħix miegħu sa mewtu, sabu lilhom innifishom affaċċjati b'inkwilina imposta fuqhom li magħha ma kinux ftiehmu li l-liġi ġagħlithom jirrikonoxxu bħala inkwilina tagħhom.

»Saħħa illi huma kienu obbligati biex jirrikonoxxu lil missier l-intimata Emanuel Zammit bħala inkwilin tagħhom bid-dispożizzjonijiet tal-Att XXIII ta' 1979 imma mhuwiex ġust u ekwu illi dan id-dritt jintiret mill-istess inkwilina preżenti li kienet tgħix ma' missierha meta huma ma kellhom ebda relazzjoni ġuridika magħha tul iż-żmien. L-imposizzjoni tal-inkwilina Alazumi fuq l-appellati hija fiha nnifisha ksur tad-drittijiet kostituzzjonali tagħhom kif protett bil-Konvenzjoni Ewropea *stante* li Alazumi qatt ma kellha tiret id-dritt tal-inkwilina mingħand missier l-appellati ġaladarba lilha ma kinux jafuha minn Adam. Dik l-imposizzjoni hija derimpenti d-drittijiet tagħhom ta' sidien għax timponi inkwilina fuqhom mingħajr qatt ma kellhom relazzjoni ġuridika magħha.

»Għalhekk l-artikolu 12 u l-artikolu 12B m'għandhom qatt japplikaw in konfront tal-intimata Alazumi.«

16. Huwa minnu illi l-ewwel qorti xejn ma immotivat id-deċiżjoni tagħha li l-art. 12B tal-Kap. 158 huwa bi ksur tad-drittijiet tal-atturi.

17. L-art. 12B daħal fis-seħħ fl-1 ta' Awissu 2018 bl-Avviż Legali 259 tal-2018. Mill-1 ta' Awissu 2018 'il quddiem, għalhekk. l-atturi setgħu jinqdew bir-rimedju ordinarju illi jitolbu lill-Bord li jirregola l-Kera sabiex qabel xejn jiddeċiedi, wara li jqis it-test tal-mezzi, jekk l-inkwilina Alazumi kinitx teħtieġ il-ħarsien tal-liġi sabiex tkompli fil-kirja, u, jekk jirriżulta meħtieġ dak il-ħarsien u illi għalhekk il-kirja tkompli, l-atturi setgħu jitolbu żieda fil-kera b'mod li dan jiżdied sa mhux aktar minn tnejn fil-mija (2%) fis-sena ta' kemm jiswa l-fond fis-suq. Setgħu jitolbu wkoll bdil fi-kundizzjonijiet tal-kirja b'mod li jkun hemm bilanċ aktar xieraq bejn id-drittijiet ta' sid-il-kera u dawk tal-kerrej. Jekk, min-naħa l-oħra, il-kondizzjoni soċjali tal-kerrej tkun tali li ma teħtieġx li tkompli l-kirja mħarsa mil-liġi, l-atturi setgħu jitolbu l-iżgumbrament tagħha mill-fond fiż-żmien li tagħti l-liġi.

18. Ma kien hemm xejn x'iżomm lill-atturi milli jfittxu dawn ir-rimedji quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera mill-1 ta' Awissu 2018 'il quddiem.

19. Huma setgħu wkoll jitolbu lill-Bord sabiex iżid il-kera *pendente lite*, kif igħid l-art. 12B(6) tal-Kap. 158.

20. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ tallum ċertament huwa prematur li ssir xi dikjar-azzjoni fis-sens li kien hemm ksur tad-drittijiet fondamentali tal-atturi mid-dħul fis-seħħ tal-Att XXVIII tal-2018 'il quddiem meta sallum ma jidhirx li l-atturi fetħu proċeduri quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera sabiex jinqdew bir-rimedju li jagħtihom l-art. 12B, u għalhekk il-Bord li Jirregola l-Kera għadu ma ta l-ebda deċiżjoni dwar jekk għandhiex tkompli tiġġedded il-

kirja u, jekk iva, dwar kemm għandu jkun il-kera u x'għandhom ikunu l-kondizzjonijiet l-oħra tal-kiri.

21. Relevanti f'dan il-kuntest huwa dak li qalet din il-qorti fis-sentenza tal-4 ta' Mejju 2022 fl-ismijiet Albert u Mariella konjugi Cassar *v.* Il-Prim Ministru *et*:

> »28. … … … il-fatt waħdu li l-liġi tagħti biss il-possibilità illi l-kera jogħla sa mhux aktar minn tnejn fil-mija ta' kemm jiswa l-post ma jfissirx li hemm ksur tal-jedd fundamentali għat-tgawdija tal-proprjetà, partikolarment fid-dawl tal-fatt illi l-kera jibqa' kontrollat biss sakemm il-kerrej jibqa' jeħtieġ protezzjoni soċjali u illi tista' tintalab reviżjoni tal-kera kull sitt snin. Mhux irrelevanti wkoll illi huwa *ormai* stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-qorti wara s-sentenza ta' Cauchi, illi kera qrib in-nofs ta' dak li jista' jagħti s-suq ħieles ma jkunx bi ksur tal-jeddijiet tas-sid f'każijiet soċjali.«[1]

22. Il-konklużjoni għalhekk għandha tkun illi, ladarba minn Awissu tal-2018 l-atturi kellhom dan ir-rimedju, il-kumpens għall-ksur tad-drittijiet tagħhom taħt il-liġi kif kienet qabel kellu jiġi likwidat sa Lulju tal-2018, u mhux aktar[2]. Il-kumpens pekunjarju likwidat mill-ewwel qorti għalhekk għandu jitnaqqas.

23. Ngħaddu għal-likwidazzjoni wara li nqisu wkoll it-tielet aggravju tal-appell billi dan ukoll jolqot il-*quantum*. It-tielet aggravju jgħid hekk:

> »It-Tielet Aggravju – L-ammont ta' kumpens pekunjarju u non-pekunjarju huwa eċċessiv
>
> »… … …
>
> »Permezz tas-sentenza tagħha, l-ewwel qorti akkordat kumpens fis-somma ta' wieħed u tletin elf, u erbgħa u tmenin Euro (€31,084) kumpens pekunjarju u għoxrin elf Euro (€20,000) bħala danni non-pekunarji. Fil-fehma tal-esponent, dawn l-ammonti huma għolja wisq, tenut kont tal-fattispeċe tal-każ odjern;

---

1 Ara wkoll Mary Fatima Vassallo *et v.* Carmelo u Josephine Azzopardi *et*, Kost., 26 ta' Ottubru 2022.

2 Ara Maria Pintley *v.* Avukat tal-Istat *et*, Kost. 1 ta' Diċembru 2021; Mary Rosaria Mills *v.* L-Avukat tal-Istat *et*, Kost. 29 ta' Marzu 2023.

»Nibdew bil-kumpens pekunjarju. Meta l-ewwel qorti ġiet sabiex tillikwida l-ammont ta' kumpens pekunjarju dovut lir-rikorrenti, hi kkunsidrat bħala perjodu rilevanti minn Ottubru 1981 sas-sena 2021. Ikkunsidrat ukoll il-valur lokatizju tal-fond mogħti mill-perit tekniku, kif ukoll l-insenjament tal-Qorti Ewropea fil-kawża Cauchi *v.* Malta. Finalment, wasslet għall-figura ta' €31,084 f'kumpens pekunjarju. Bid-dovut rispett, l-esponent iħoss li l-ammont likwidat huwa eċċessiv;

»L-esponent jirrileva illi dan l-aggravju huwa allaċċjat mat-tieni aggravju *stante* illi semmai l-ewwel qorti setgħet takkorda kumpens sal-31 ta' Lulju 2018 u dan b'referenza għar-rimedju pprovdut permezz tal-Att XXVII tal-2018;

»Apparti minn hekk, jidher li l-ewwel qorti ma tat ebda konsiderazzjoni għall-fatt illi r-rikorrenti mhux dejjem kienu sidien tal-fond kollu matul is-snin. Meta wieħed iħares lejn il-provenjenza tal-fond, huwa ċar illi r-rikorrenti ma jistgħux jitolbu kumpens bħallikieku kienu s-sidien tal-fond fl-intier tiegħu għaż-żmien kollu mill-1981 'il quddiem. Anki jekk din il-qorti takkorda kumpens li jiġi kkalkulat minn żmien l-antekawża tar-rikorrenti, madankollu il-werrieta universali ma kinux biss ir-rikorrenti, imma kien hemm ukoll ħuhom.

»Allura, dan ifisser illi r-rikorrenti jistgħu jippretendu kumpens fir-rigward ta' żewġ terzi ($^2/_3$) tal-fond biss sal-31 ta' Lulju 2018, *stante* illi l-kuntratt ta' diviżjoni ma ħuhom sar fit-8 t'April 2021. Fi kliem ieħor, kwalunkwe kalkulazzjoni illi tagħmel din il-qorti għandha tieħu in konsiderazzjoni illi, fil-perjodu rilevanti, ir-rikorrenti jistgħu jitolbu biss kumpens għal żewġ terzi ($^2/_3$) tal-fond, u mhux tal-fond kollu.

»Jekk wieħed jikkunsidra l-valuri mogħtija mill-perit tekniku, wieħed jista' jikkonkludi illi bejn Novembru 1981 (meta skada ċ-ċens temporanju) u l-1 ta' Awissu 2018 (meta daħal fis-seħħ l-artikolu 12B), dan il-fond seta' teoretikament jipperċepixxi l-ammont ta' €52,278.33 f'kera fuq is-suq miftuħ. $^2/_3$ ta' din il-figura twassal għas-somma ta' €34,852.22.

»Apparti minn hekk, wieħed għandu jnaqqas l-ammont ta' kera illi pperċepew ir-rikorrenti jew li setgħu jipperċepixxu r-rikorrenti matul is-snin. Mill-ammont rimanenti, din il-qorti xorta waħda għandha tagħmel tnaqqis ulterjuri, u dan *in vis*ta u b'konsegwenza tal-punti segwenti:

»a. il-miżura li taffettwa lir-rikorrenti hija waħda maħsuba sabiex tis-salvagwardja l-interess pubbliku, kif spjegat aktar 'il fuq. Skont l-aktar sentenzi riċenti tal-qorti ta' Strasburgu, inkluż Cauchi *v.* Malta (app. 14013/19), din l-istess qorti spjegat li meta l-miżura in kwistjoni tkun waħda manifestament fl-interess pubbliku, bħal ma hija f'dan il-każ, il-kumpens li għandu jitħallas jista' jitnaqqas mill-inqas bi tletin fil-mija (30%) tal-ammont li setgħa jipperċepixxi s-sid;

»b. il-valuri mogħtija mill-perit ma humiex ammonti li s-sid kien fiż-żgur illi ser jipperċepixxi minn din il-proprjetà matul dawn is-snin kollha. Dawk huma valuri ibbażati fuq informazzjoni li għandu l-perit li, fl-aħħar mill-aħħar, setgħu jipperċepixxu r-rikorrenti u setgħu le. Għalhekk, filwaqt li l-esponent m'għandux dubju li l-perit tekniku għamel xogħol siewi fil-preparazzjoni tar-rapport, wieħed ma jistax jassumi illi, li kieku r-rikorrenti krew il-fond matul dawn is-snin kollha, huma kienu ser jipperċepixxu l-valuri indikati

fir-rapport f'kera. Dik hija biss indikazzjoni tal-valur lokatizju, u xejn aktar;

»ċ. magħdud ma' dan, li kieku r-rikorrent krew il-fond fis-suq ħieles matul dawn is-snin kollha, wieħed għandu jasal għall-konklużjoni raġonevoli illi, matul dawk is-snin, il-fond seta' baqa' inokkupat għal żminijiet twal, xhur jekk mhux snin. Infatti, l-istess qorti ta' Strasburgu fl-istess Cauchi *v.* Malta saħqet li l-kumpens mitlub għandu jitnaqqas b'madwar għoxrin fil-mija (20%) għal din ir-raġuni;

»d. apparti minn dan kollu, wieħed ma jistax jinsa wkoll illi matul dawn is-snin kollha r-rikorrenti evitaw l-ispejjeż ta' manutenzjoni tal-fond, għaliex kif spjegat aktar 'il fuq tali spejjeż kienu a karigu tal-inkwilin. Dan għandu jkollu effett fuq l-ammont ta' kumpens illi tista' takkorda din il-qorti, għaliex il-valur illi għandu l-fond illum u l-kera li l-istess fond jista' jipperċepixxi fuq is-suq miftuħ illum huwa frott, *in parte*, tax-xogħol u spejjeż li nefqu l-konvenuti. Ll kieku l-konvenuti ma ħadux ħsieb il-fond, l-ammonti indikati fir-rapport peritali kienu jkunu ċertament inqas għaliex il-fond ma kienx ikun attraenti daqs kemm hu illum;

»Ngħaddu issa sabiex neżaminaw l-ammont ta' kumpens non-pekunjarju. F'dan il-każ, l-ewwel qorti akkordat is-somma ta' għoxrin elf Euro (€20,000) kumpens non-pekunjarju. Bid-dovut rispett, dan l-ammont huwa eċċessiv għall-aħħar;

»Dwar kumpens non-pekunjarju, tajjeb jingħad illi kif qalet din il-qorti fl-aktar sentenzi riċenti, ir-rikorrent ma jistax jitlob kumpens non-pekunarju għal żminijiet illi hu ma kienx sid tal-fond. Id-dritt għal kumpens non-pekunjarju huwa dritt personali li ma jintiritx. ... ... ... Għalhekk, l-ammont ta' €20,000 f'kumpens non-pekunjarju huwa pjenament eċċessiv għall-aħħar;

»Għaldaqstant, hija l-fehma tal-esponent illi l-ammont ta' kumpens pekunjarju u non-pekunjarju akkordat lill-appellati mill-ewwel qorti huwa wieħed eċċessiv u għandu jiġi ridott sostanzjalment.«

24. L-atturi wieġbu illi "l-ammont pekunjarju u non-pekunjarju huwa ġust u mhux eċċessiv".

25. L-argumenti tal-appellant essenzjalment huma erbgħa: i) li għandu jsir it-tnaqqis fuq il-kriterji ta' Cauchi; ii) illi l-atturi huma ko-eredi u għandhom biss żewġ ishma minn tlieta (2/3) tal-fond, u għalhekk jistħoqqilhom biss tnejn minn tlieta tal-kumpens; iii) il-valur tal-fond żdied minħabba benefikati li saru minn min jokkupa l-fond; u iv) ma jingħatax kumpens

non-pekunjarju għaż-żmien meta l-fond ma kienx f'idejn l-atturi iżda f'idejn l-awturi tagħhom.

26. L-ewwel punt ma huwiex kontestat għax l-ewwel qorti stess għamlet it-tnaqqis fuq il-kriterju ta' Cauchi.

27. Il-fatt illi l-atturi kellhom biss tnejn minn tlieta ($^2/_3$) tal-proprjetà sakemm inqasam il-wirt ma għandux relevanza għall-kumpens pekunjarju, fid-dawl ta' dak li jgħid l-art. 946 tal-Kodiċi Ċivili

> »**946.** Kull wieħed mill-werrieta hu magħdud suċċessur waħdu u dirett fil-beni kollha li jagħmlu s-sehem tiegħu, jew li messu lilu b'liċitazzjoni, u jitqies li qatt ma kellu l-proprjetà tal-beni l-oħra tal-wirt.«

28. Mhux l-istess jingħad dwar il-kumpens non-pekunjarju billi dan ma jintiritx. Dan ifisser mhux biss illi l-atturi jistħoqqilhom biss tnejn minn tlieta ($^2/_3$) tal-kumpens non-pekunjarju iżda wkoll illi dan il-kumpens għandu jinħadem biss b'seħħ minn Awissu tal-2014 meta ġew nieqsa l-ġenituri tal-atturi.

29. Il-benefikati li setgħet għamlet il-konvenuta Alazumi u l-awtur tagħha meta kellhom il-fond b'enfitewsi jitqiesu proprjetà tas-sidien u għalhekk il-benefiċċju li jieħdu s-sidien minn dawn il-benefikati huwa bi dritt u mhux xi ħaġa li għandhom ipattu għaliha. L-argument tal-appellant illi sehem mill-valur lokatizju huwa dovut għal dawn il-benefikati ma huwiex ta' relevanza għal-likwidazzjoni tal-kumpens.

30. Ngħaddu mela għal-likwidazzjoni tal-kumpens.

31. Fl-interess tal-prevedibilità u tal-uniformità fid-deċiżjonijiet, din il-qorti wara s-sentenza ta' Cauchi v. Malta mogħtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet

tal-Bniedem fil-25 ta' Marzu 2021[3] adottat il-kriterji li tagħti dik is-sentenza u jkun tajjeb li dawn jibqgħu jitħarsu. Għalkemm huwa minnu li t-tnaqqis ta' tletin fil-mija (30%) u għoxrin fil-mija (20%) mill-kera fis-suq ħieles kif jingħad f'Cauchi huwa biss indikattiv u mhux regola li torbot, madankollu jixraq illi tinżamm uniformità fid-deċiżjonijiet u ma jsirx tibdil jekk mhux għal raġunijiet li jkunu speċifiċi għall-każ partikolari.

32. Maħdum fuq dawn il-kriterji, u mnaqqas il-kera li l-atturi u l-awturi tagħhom daħħlu jew setgħu daħħlu fiż-żmien relevanti, il-kumpens pekunjarju qiegħed jiġi likwidat fis-somma ta' sitta u għoxrin elf, mitejn u ħamsin euro (€26,250) kif muri fl-iskeda A li hija mehmuża ma' din is-sentenza biex titqies parti minnha.

33. Meta tqis illi l-atturi wirtu tnejn minn tlieta tal-fond fl-2014, u l-wirt inqasam biss fl-2021, il-qorti hija tal-fehma illi kumpens non-pekunjarju ta' elf u tliet mija u ħamsin euro (€1,350) ikun xieraq fiċ-ċirkostanzi.

34. Il-qorti għalhekk tillikwida l-kumpens, kemm pekunjarju u kemm morali, li jmiss lill-atturi fis-somma, b'kollox, ta' sebgħa u għoxrin elf u sitt mitt euro (€27,600).

35. Il-qorti għalhekk tirriforma s-sentenza appellata: tħassarha fejn sabet illi d-disposizzjonijiet tal-art. 12A u 12B tal-Kap. 158 huma bi ksur tad-drittijiet tal-atturi u tikkonfermaha fejn sabet ksur minħabba t-tħaddim tal-art. 12 tal-istess Kap. 158, b'dan illi l-ksur għandu jitqies li baqa' jseħħ sa meta daħal fis-seħħ l-art. 12B tal-Kap. 158; tħassarha fejn illikwidat danni fis-

[3] Rik. 14013/19

somma globali ta' wieħed u ħamsin elf, u erbgħa u tmenin euro (€51,084) u, minflok, tillikwida d-danni pekunjarji fis-somma ta' sitta u għoxrin elf, mitejn u ħamsin euro (€26,250) u dawk morali fis-somma ta' elf, tliet mija u ħamsin euro (€1,350), b'kollox sebgħa u għoxrin elf u sitt mitt euro (€27,600) flimkien mal-imgħaxijiet relativi kif ordnat l-ewwel qorti.

36. L-ispejjeż tal-ewwel grad, billi ma sarx appell dwarhom, jibqgħu kif regolati mill-ewwel qorti; l-ispejjeż tal-appell, billi fil-biċċa l-kbira l-aggravji tal-appell kienu ġustifikati, jinqasmu hekk: sehem minn erbgħa (¼) jħallsu l-Avukat tal-Istat u tliet ishma minn erbgħa (¾) iħallsuhom l-atturi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr

**Skeda A**

| Sena | Kera fis-suq | Kera kontrollat | | Indiċi ta' inflazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| | € | € | | |
| 1981 | 350.00 | 7.71 | * | 408.16 |
| 1982 | 350.00 | 46.25 | | |
| 1983 | 350.00 | 46.25 | | |
| 1984 | 350.00 | 46.25 | | |
| 1985 | 350.00 | 46.25 | | |
| 1986 | 350.00 | 46.25 | | |
| 1987 | 440.00 | 46.25 | | |
| 1988 | 440.00 | 46.25 | | |
| 1989 | 440.00 | 46.25 | | |
| 1990 | 440.00 | 46.25 | | |
| 1991 | 440.00 | 46.25 | | |
| 1992 | 440.00 | 46.25 | | |
| 1993 | 585.00 | 46.25 | | |
| 1994 | 585.00 | 46.25 | | |
| 1995 | 585.00 | 46.25 | | |
| 1996 | 585.00 | 62.32 | | 549.95 |
| 1997 | 585.00 | 62.32 | | |
| 1998 | 585.00 | 62.32 | | |
| 1999 | 990.00 | 62.32 | | |
| 2000 | 990.00 | 62.32 | | |
| 2001 | 990.00 | 62.32 | | |
| 2002 | 990.00 | 62.32 | | |
| 2003 | 990.00 | 62.32 | | |
| 2004 | 990.00 | 62.32 | | |
| 2005 | 1,710.00 | 62.32 | | |
| 2006 | 1,710.00 | 62.32 | | |
| 2007 | 1,710.00 | 62.32 | | |
| 2008 | 1,710.00 | 62.32 | | |
| 2009 | 1,710.00 | 62.32 | | |
| 2010 | 1,710.00 | 185.00 | | 770.07 |
| 2011 | 3,420.00 | 185.00 | | |
| 2012 | 3,420.00 | 185.00 | | |
| 2013 | 3,420.00 | 197.32 | | 821.34 |
| 2014 | 3,420.00 | 197.32 | | |
| 2015 | 3,420.00 | 197.32 | | |
| 2016 | 3,420.00 | 201.39 | | 838.29 |
| 2017 | 4,800.00 | 201.39 | | |
| 2018 | 2,800.00 | 117.48 | ** | |
| | 52,570.00 | 3,194.89 | | |

| | |
|---|---|
| -20% = | 42,056.00 |
| -30% = | 29,439.20 |
| naqqas | 3,194.89 |
| Jifdal | 26,244.31 |

* xahrejn

** seba' xhur